**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis 16 ta' Mejju, 2019**

Numru 14

**Appell Nru. 2/2019**

**Flimkien ghal Ambjent Ahjar**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u**
**l-kjamat in kawza Darren Desira**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Flimkien ghal Ambjent Ahjar tal-4 ta' Frar 2019 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-17 ta' Jannar 2019 li laqa' l-applikazzjoni PA 4347/16 'to make internal and external changes at ground and first floor converting to class 4A, third, fourth and fifth apartments and one penthouse' f'Marina Street, Pieta;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat ir-risposta ta' Darren Desira li issottometta li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Agravvji:
1. L-izvilupp jikser il-ligi tal-iskedar fi Grad 2 ta' protezzjoni:
Illi zvilupp fi proprejta skedata fi Grad 2 ghandu jkun sensittiv u b'inerventi limitati minghajr ma jiddisturbaw il-karattru arkitettokinku tal-bini. Illi fil-kaz odjern, l-izvilupp huwa wiehed estensiv, li mhux biss jinkludu intervent fil-bini ezistenti skedat b'telf ta' karaterristici arkitettonici, imma l-istess bini skedat ser ikun dominat b'sulari addizzjonali, filwaqt li ser jigi meqrud ilgnien matur fuq in-naha retrostanti tal-bini ezistenti.
L-Awtorita' sostniet illi l-izvilupp jahseb ghal-konservazzjoni tal-maggor parti tal-bini, b'dan illi gie ukoll mahsub li s-sulari sovrastanti jkunu komplimentari mal-komposizzjoni ta' disinn tal-bini ezistenti.

2. Illi l-izvilupp qed jikser l-objettivi TO8 u UO2 tal-iSPED:
Illi dawn iz-zewg objettivi tal-iSPED huma ntizi li jipprotegu u jharsu l-wirt kulturali, billi fost l-ohrajn jesigu t-titjieb tattownscape u l-ambjent storiku urban bi prezunzjoni kontra t-twaqqiegh ta' bini b'valur ta' konservazzjoni. Illi fil-kaz odjern, l-izvilupp mhux intiz li jipprotegi u jirrijabilita l-bini skedat, bi ksur car tali objettivi tal-iSPED.
L-Awtorita' nnotat li s-sit ma jinsabx f'zona ta' Konservazzjoni Urbana, filwaqt li l-izvilupp jahseb ghar-rijabilitazzjoni tas-sit kif ukoll rigenarazzjoni taz-zona fejn jinsab, b'uzu ta' officini u apartamenti residenzjali.

3. Illi l-gnien retrostanti jaghmel ukoll parti mill-bini skedat fi Grad 2 ta' protezzjoni, li ghaldaqstant jaghmel parti mill-proprjeta ta' valur storiku, u ghaldaqstant l-izvilupp qed jikser ukoll l-objettiv UO3.7 tal-iSPED:
Illi l-appellanti qed isostnu li l-gnien huwa parti integrali mill-iskedar tal-bini li qed jikkontribwixxi lejn l-karatarru taz-zona urbana, u l-green open spaces li l-Policy UO3.7 tal-iSPED hija ntiza li tipprotegi.
L-Awtorita' nnotat li l-gnien huwa wiehed izolat u mdwawwar bi zvilupp.

4. Illi fil-process tal-applikazzjoni saret interpretazzjoni skorretta tal-Policies fil-Pjan Lokali u d-DC 15 fir-rigward tal-gholi talbini sabiex gie gustifikat gholi ta' seba' (7) sulari:
Illi l-appellanti ghamlu referenza ghal case officer report fejn gie ndikat gholi massimu ta' 6 floors u semi-basement b'referenza ghal Mappa MP2 tal-Pjan Lokali u gie njorat il-fatt li skont l-istess Mappa tal-Pjan Lokali gie eskluz gholi massimu f'kaz ta' bini skedat bhal ma huwa s-sit mertu ta' dan l-appell. Illi skont il-Policy UO2.5 tal-iSPED kellu jigi kunsidrat 'a context driven approach' ghar-rigward l-gholi massimu ta' sulari fis-sit odjern u ghaldaqstant l-gholi massimu ta' 29 metru skont l-

interpretazzjoni tal-linja gwida dwar il-kontroll tal-izvilupp huwa ghal kollox zbaljat u rrilevant ghal kaz odjern.
Illi gie sostnut li l-konsiderazzjoni ta' bini adjacenti bhala commitment ta' gholi huwa bi ksur tal-Policy UO2.4 tal-iSPED tenut illi tali bini adjacenti mhux wiehed skedat filwaqt li biz-zieda ta' sulari qed jigi mibdul l-iskyline tal-bini ezistenti filwaqt li qed igib fix-xejn l-protezzjoni tal-bini bl-iskedar.
Illi gie ukoll retenut illi saret applikazzjoni hazina tal-Policy P6 tal-linja gwida b'dan illi skont l-istess Policy kellu jkun ilpredominanza ta' zewg sular tal-bini adjacenti li huwa wiehed skedat li kellu jigi kunsidrat fl-gholi tal-bini fuq is-sit odjern, b'dan illi gholi ta' seba' sular kif gie approvat huwa wiehed sproporzjonat u tellef mill-istreetscape kkaraterrizat minn din irringiela ta' bini skadat fejn jinsab is-sit odjern.
Illi fil-kaz ojdern ma hemm ebda transizzjoni fl-gholi tal-bini minn dak ezistenti ghas-sit ojdern, u dan kuntrarju ghal dak li gie kunsidrat u approvat f'sit ajdecnti f'tarf ir-ringiela tal-djar skedati fejn gie mpost transizzjoni fl-gholi u trattament tal-hajt t'appogg skont il-permess PA 3382/14.
F'dan ir-rigward l-Awtorita' sostniet li s-sit jaghmel parti minn Triq ix-Xatt fejn l-gholi massimu ta' sulari huwa dak ta' sitt sulari skont il-Pjan Lokali, u f'dan ir-rigward l-gholi tal-bini kif approvat huwa wiehed komplimentari mal-iskyline taz-zona. Gie notat ukoll li l-Policy P6 mhux qed tigi applikat b'mod korrett mill-appellanti hekk kif is-sit ma jinsabx f'zona ta' Konservazzjoni Urbana, u ghaldaqstant l-izvilupp huwa konformi mal-figura numru 26 tal-linja gwida.

5. Informazzjoni konfiliggenti prezentata f'diversi pjanti u dokumenti fl-applikazzjoni, kif ukoll nuqqas ta' prezentazzjoni fotografika tal-bini ezistenti;

6. Kalokolu ta' parkegg hazin, b'dan illi l-garaxx ezistenti huwa unita ndipendenti mis-sit odjern u li jintuza ghall-skop kummercjali, u ghaldaqstant in-nuqqas ta' parkegg provdut fuq is-sit kellu jkun ta' 20 vettura u mhux 19.

7. It-qtugh ta' sigar mill-gnien retrostanti huwa bi ksur tal-regolament dwar il-protezzjoni tas-sigar, b'dan illi s-sigar li gew maqlugha ma kienux gew identifikati.

L-ewwel tlett aggravji meqjusa flimkien:
Illi dan it-Tribunal jinnota li l-bini ezistenti huwa skedat fi Grad 2 ta' protezzjoni skont l-Avviz tal-Gvern 349 tal-2001, skont ittermini tal-Policy UCO7 tal-Pjan ta' Struttura. Illi tali policy tesigi li mhux 'normalment' li jigi permess it-twaqqiegh komplet talbini skedat, ghalkemm huwa permess intervent jew alterazzjonijiet intern tal-bini, dment li dan ma jkun jirrispekkja l-kuntest u lintegrita arkitettonika tal-bini skedat.
Fil-kaz odjern, il-bini ezistenti qed jigi mizmum, b'interventi u alterazzjonijiet interni sabiex ikun possibbli l-estensjoni vertikali talbini. Illi l-kwistjoni dwar iz-zieda tas-sulari addizzjonali ser tigi tratta hawn isfel f'din id-decizjoni, ghalkemm fil-limiti ta' dan laggravju, iz-zieda ta' sulari ghandha tigi meqjusa ukoll fil-kuntest taz-zona fejn jinsab is-sit inezami, fejn fil-fehma ta' dan itTribunal, il-kuntest urban huwa wiehed dominat b'bini gholi, kemm fuq l-istess Triq il-Marina, kif ukoll fuq in-naha retrostanti talfond inezami, b'bini gholi b'faccata fuq Triq l-Orsolini.
F'dan ir-rigward, dan it-Tribunal huwa tal-fhema li l-izvilupp kif approvat huwa intiz li jippreserva l-bini originali fl-ewwel u t-tieni sular, filwaqt li gie meqjus ukoll il-kuntest urban taz-zona, dominat b'bini gholi ta' sitta u hames sular fi Triq il-Marina u Triq LOrsolini rispettivament. F'dan ir-rigward l-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravvji qed jigu michuda.

Ir-raba' aggravju:
Dan jitratta l-interpretazzjoni tal-Pjan Lokali u l-linja gwida dwar il-kontroll tal-izvilupp tas-sena 2015 sabiex seta' jigi gustifikat ilhrug tal-permess ghal bini ta' seba' sulari mal-faccata tat-triq.
Illi dan it-Tribunal seta' jinnota li s-sit jaghmel parti minn ringiela ta' sitt town houses skedati, fejn il-pjan lokali ma jindika ebda maximum building height [Vide Mappa MP2 tan-North Harbour Local Plan] ghalkemm is-sit jinsab f'zona ta' residential area, fejn huwa permess gholi ta' bini ta' sitt sulari f'din il-parti ta' Triq il-Marina, bhal bini adjacenti fl-istess triq li mhux skedat.
Illi ta' minn izied illi l-ahhar dar skedata fid-direzzjoni tal-Punent gie approvat erba' sulari addizzjonali skont il-permess PA 3382/14, u zieda ulterjuri ta' sulari a bazi tal-linja gwida tas-sena 2015 skont il-permess PA 1822/16. Illi f'dan ir-rigward is-sit huwa t-tieni dar minn ringiela ta' hamsa li tinsab bejn bini gholi ta' sitt sulari jew aktar, fuq in-naha tal-Lvant u l-Punent rispettivament, b'dan tal-ahhar huwa ukoll bini skedat bhas-sit mertu ta' dan l-appell.
Illi f'dan ir-rigward, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-Awtorita' kienet korretta li tikkunsidra l-Policy P6 tal-linja gwida, u nterpretatat b'mod korrett il-figura numru 26, b'dan illi tali policy tikkunsidra l-gheluq ta' 'gaps' fl-gholi ta' bini fejn jirrizulta appoggi u gholi ta' bini ezistenti. Ta' minn izied illi l-kuntest tal-bini skedat irid jigu kunsidrat ukoll fid-dawl tal-bini u l-gholi permessibbli fuq in-naha retrostatni, parallelli ma Triq il-Marina, ossia b'bini ta' hames sulari fuq Triq l-Orsolini. F'dan il-kuntest id-distant views lejn din il-parti ta' Triq il-Marina jrid jigi kunsidrat ukoll u l-gholi tal-bini kif approvat fuq is-sit odjern, kif ukoll fuq is-sit skedat mertu tal-permessi PA 3382/14 u PA 1822/16, huwa ntiz li jimla tali gap site u qed jipprovdi omogenita' talgholi tal-bini fi Triq il-Marina, u qed iservi ukoll bhala mitigazzjoni tal-impatt tal-gholi tal-bnini fuq it-Triq Orsolini. F'dan irrigward dan ir-raba' aggravju qed jigi michud.

L-ahhar tlett aggravji:
F'dawn l-aggravji, l-appellanti qed jilmentaw dwar nuqqas ta' nformazzjoni, jew informazzjoni kunfliggenti kemm fil-pjanti 100c, 93a u 93h u dikjarazzjoni maghmula fir-restoration method statement a fol 93k, b'dan illi mhux car x'ser jigi preservat u mizmum mill-istrutturi interni tal-bini skedat.
Illi minn ezami tal-pjanti, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-kuluri bl-isfar u l-ahmar fil-pjanti a fol 93a, 93b u 100c jindikaw b'mod car, liema hitan u soqfa ser jinzammu u dawk li ser jitwqqghu, b'zieda ta' hitan u kmamar godda hekk kif jidhru b'mod evidenti fil-pjanta a fol 93b fl-inkartament tal-applikazzjoni odjerna.
Illi gie ukoll sollevat li ma gie prezentat ebda survey fotografiku tal-intern tal-bini. Dettalji tal-bini intern huwa biss notat filmethod statement report, u ghalkemm jidher illi bhala process ta' applikazzjoni ma kienx hemmx hemm id-dettalji kollha skont ir-rekwiziti tal-AL 162 tal-2016, jibqa' l-fatt li fil-kaz ojdern hija d-decizjoni tal-Kummissjoni li qed tigi kkontestat u mhux ilprocess tal-Direttorat tal-Ippjanar, jew ir-rapport tal-case officer, u f'dan ir-rigward ma giex sostnut kif tali nuqqasijiet setghu kellhom influwenza jew ezitu fuq id-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar, u ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jastejni milli jiehu konjuzzjoni ulterjuri ta' tali aggravju.
Fl-ahhar aggravju, gie sollevat li l-Awtorita' ma kelliex tiehu konjizzjoni ta' garaxx ta' terzi meta dan huwa fil-fatt stabbiliment kummercjali. Ghaldaqstant in-nuqqas ta' parkegg huwa dak ta' 20 u mhux ta' 19. Huwa minnhu li l-garaxx ta' terzi fil-pjan terran huwa wiehed kummercjali, ghalkemm dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-

ammont ta' parkegg mitlub ossia 19 huwa wiehed korrett, meta fil-komupatazzjoni kellha tittiehed id-dar ezistenti li effettivament ma kienx qed tipprovdi on-site parking. Illi ghalhekk it-talba ta' 19 il-parkegg tibqa' wahda korretta, ghalkemm mhux kif kif gie kalkolat mill-Awtorita', izda limitat biss ghaddomanda ta' parkegg generat mill-izvilupp addizzjonali fuq is-sit.

Ghal dawn il-motivi, dan it-Tribunal qed jichad l-appell, u jikkonferma l-permess PA 4347/16.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. Id-decizjoni tat-Tribunal skartat l-istatus skedat tal-binja u applikat u interpretat skorrettement l-ligijiet u policies f'dan ir-rigward u dan b'referenza partikolari ghal policy UCO 07 mill-pjan ta' struttura artikolu 1.13 fejn jirrigwarda partikolarment id-demolizzjoni interna tal-bini u estensjonijiet ghal binja originali;

2. Bl-istess mod it-Tribunal skarta ghal kollox l-istatus skedat tal-gnien tas-sit bla ebda motivazzjoni;

3. It-Tribunal skarta bla ebda konsiderazzjoni l-argumenti tal-appellanti kif il-proposta tmur kontra urban objective 2 u 3 tal-pjan strategiku ghall-ambjent.

4. Ghalkemm it-Tribunal irrikonoxxa l-aggravju tal-appellanti li l-applikant ma ipprezentax id-dokumentazzjoni stipulata mill-ligi senjatament survey fotografiku tal-intern tal-bini skont ir-rekwiziti tal-A.L. 162/2016 it-Tribunal sostna li l-appellanti ma sostnewx kif dawn in-nuqqasijiet setghu influwenzaw id-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar u astjena milli jiehu konjizzjoni tal-aggravju. L-appellanti jsostnu li tali informazzjoni kienet necessarja biex it-Tribunal iqis sew dak kontenut fil-policy P5 tad-DC 2015 rigward twaqqiegh ta' proprjetajiet skedati;

5. It-Tribunal zbalja legalment meta qies li z-zieda ta' erba'sulari fuq bini skedat bil-holqien ta' zewg blank party walls kien in linea mad-DC 2015 u bi ksur flagranti tal-SPED f'uban objective 2.4 li jghid li zvilupp fuq siti storici ghandu jsehh b'mod li l-iskyline ma tigix affettwata negattivament. Dan l-objettiv hu in linea ma NHLP li ma jippermettix zieda ta' sulari fuq bini importanti skedat kif jidhru fil-lok taghhom.

**L-ewwel sa raba' aggravju**

Dawn l-aggravji huma kumplimentari ghal xulxin u jirrigwardaw applikazzjoni hazina tal-ligijiet u policies applikabbli ghal kaz. It-Tribunal ikkunsidra li l-bini hu skedat grad 2 u hu regolat bil-policy UCO 07 tal-pjan ta' struttura li normalment ma tippermettix

twaqqiegh ta' bini pero hu permess intervent intern dment li dan ikun jirrispekkja l-kuntest u l-integrita arkitettoniku. It-Tribunal ikkunsidra li l-izvilupp intiz biex jippreserva l-bini originali fl-ewwel u t-tieni sular. Pero meta wiehed jezamina x'wassal ghal konkluzjoni tat-Tribunal li l-intervent intern (mhux il-faccata) hu accettabbli, it-Tribunal hu sieket. Josserva biss li l-izvilupp ser jippreserva l-bini originali fl-ewwel u t-tieni sular. Il-Qorti mhix ser tidhol ghal mument fuq l-aggravju taz-zieda fis-sulari li accenna ghalih it-Tribunal meta qies l-ewwel tlett aggavji quddiemu pero din il-Qorti hi perplessa kif it-Tribunal wasal ghal din il-konkluzjoni bla ebda argument li jxejjen u jirrispondi ghall-aggravji tal-appellant.

Il-policy UCO 07 tghid li f'bini skedat grad 2 permess jinghata ghal alterazzjonijiet interni basta dawn isiru b'mod sensittiv u bl-inqas hsara tal-karattru u l-omogenita arkitettonika tal-binja. L-istess jinghad ghal policy P5 tad-DC 2015 li jikkunsidra elementi li jridu jigu kunsidrati fejn tkun ser issir demolizzjoni ta' proprjetajiet skedati ghalkemm irid jinghad li dan l-izvilupp mhux jikkonsidra d-demolizzjoni totali tal-binja izda ristrutturar intern. Madankollu t-Tribunal ma ikkumentax u ta konsiderazzjoni legali kif mehtieg dwar dak li l-appellanti issottomettew dwar dak li hemm jidher bhala alterazzjonijiet sostanzjali tal-intern tal-binja. Bl-istess it-Tribunal kellu jindirizza jekk setax jastjeni milli jqis id-dettalji kollha tal-intervent intern bla ebda survey fotografiku jew tlett ritratti ta' kwalita tajba kif irid l-A.L. 162/2016 fir-regolament 4(b) u jistrih biss fuq pjanti b'kuluri. Lanqas seta' jargumenta, kif ghamel, li kienet d-decizjoni tal-Kummissjoni li qed tigi appellata mhux il-process tad-Direttorat. Il-process hu wiehed maghqud katina li jasal fl-ahhar f'idejn it-Tribunal u f'certi kazijiet quddiem il-Qorti. Jekk it-Tribunal iqis li ma giex segwit process sostantiv ghall-ezitu ta' kwistjoni f'kull stadju tal-applikazzjonijiet ghandu jssenjalaha u jiehu azzjoni mhux jastjeni minnha. Del resto t-Tribunal gie mitlub iqis jekk l-intervent intern kien ser ikun ta' detriment serju kontra dak li trid il-policy UCO 07 fl-artikolu 1.13 tal-pjan strategiku u policy P5 tad-DC 15. It-Tribunal palesement naqas milli jaghmel dan bid-debita importanza ghal principju li aggravju ta' sustanza specjalment fejn jirrigwardaw applikazzjoni konsistenti ma ligijiet, pjanijiet u policies ghandu jigi meqjus u deciz mhux skartat. Il-Qorti tenfasizza li hawn si tratta ta' binja skedata fejn allura l-Awtorita u t-Tribunal iridu jkunu minuzjuzi u restrittivi fl-estent u forma ta' kull intervent. Wara kollox skedar

anki grade 2 isir ghal preservazzjoni tas-sit skedat u kwalsiasi intervent jinghata permess ghalih b'kawtela kbira u wara ezami approfondit tad-dettalji kollha rilevanti.

Bl-istess mod it-Tribunal injora ghal kollox il-kwistjoni dwar l-iskedar tal-gnien parti mill-iskedar tas-sit kollu u kif l-izvilupp tieghu kien ser ikun ta' detriment ghal binja skedata u d-dintorni tieghu. Is-skiet tat-Tribunal fuq din il-kwistjoni b'referenza ghall-izvilupp fl-intern tieghu mhix permissibbli mill-Qorti u ghandha tigi indirizzata fl-isfond tal-applikazzjoni u l-aggravji. Dawn kienu kollha kwistjonijiet ta' natura legali u mhix semplicement kwistjonijiet teknici tat-Tribunal munit b'esperti biex jassistuh u l-Qorti ghandha l-obbligu li tintervjeni fejn it-Tribunal jonqos u/jew jindirizza hazin kwistjonijiet ta' ligijiet, pjanijiet u policies mertu ta' aggravji specifici. Wara kollox l-Awtorita indirizzat ukoll il-kwistjoni u ghalhekk it-Tribunal kellu jizen l-argumenti migjuba u l-fatti u jasal ghal konkluzjoni tieghu b'ragunament li jaghti twegiba lil partijiet.

Hi l-fehma tal-Qorti illi t-Tribunal iffoka fuq il-kuntest urban taz-zona li skont hu,# hu dominat b'bini gholi minghajr ma ikkunsidra b'mod adegwat li din hi binja skedata f'nofs ringiela ta' bini skedat. It-Tribunal kellu jevalwa dawn l-aspetti flimkien u jaghmel il-kostatazzjonijiet kollha rilevanti tenut kont tal-policies kollha applikabbli u mbaghad jasal ghal konkluzzjoni tieghu. Invece t-Tribunal ikkonsidra l-beneficcju tal-izvilupp, fil-fehma tal-Qorti b'mod izolat minn natura tal-binja nfisha u dan hu legalment inkorrett.
Ghalhekk l-aggravji tal-appellant qed jigu milqugha fit-termini hawn decizi.

**Il-hames aggravju**
Il-Qorti tqis li dan l-aggravju hu wiehed ta' natura teknika iktar milli legali. It-Tribunal ikkonstata illi ma hemmx maximum building height fiz-zona kif gie kostatat mill-pjan lokali u ghalkemm is-sit hu f'residential area, hu permess gholi ta' bini ta' sitt sulari bhal bini adjacenti fl-istess triq li mhux skedat. Din hi kwistjoni ta' interpretazzjoni tat-NHLP mhux applikazzjoni taghha. Bl-istess mod jinghad ghal policy P6 tad-DC 2015. Rigward ukoll il-kwistjoni ta' blank party walls u l-vizwali tal-iskyline din ukoll hi kwistjoni teknika mhux legali. It-Tribunal qies ukoll siti ohra fil-vicinanzi uhud minnhom skedati fejn ukoll giet indirizzata l-permissibilita ta' gholi ta' bini.

Ghalhekk f'dan il-kuntest dan l-aggravju qed jigi michud pero taghmel rakkomandazzjoni biex it-Tribunal, u jekk jehtieg il-bzonn, l-Awtorita tiehu kont ta' dan l-aspett tenut kont ta' dak deciz fl-ewwel erba' aggravji.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tilqa' l-ewwel erba' aggravji tal-appellant fit-termini hawn deciz, u kwindi qed tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-17 ta' Jannar 2019, u tibghat lura l-atti lit-Tribunal biex jerga' jikkonsidra l-appell mill-gdid, bl-ispejjez kontra l-appellati.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur